**Fantasia melodica 'Cuor d'Artista'** – Mro. Willie Attard (1899-1970)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Is-sena l-oħra kelli x-xorti li nitkellem fid-dettal fuq xogħol ieħor bikri minn tas-Surmast Willie Attard – *Un Saluto a Malta* (1933). Dan l-artiklu, li kien deher fil-ħarġa tal-programm tas-sena l-oħra fl-okkażjoni tal-Festa Marija Bambina 2015 (p. 159-163), kont ktibtu b'tifkira ta' għeluq il-45 sena mill-mewt ta' dan is-Surmast tant maħbub. Dan l-artiklu jidher li ntlaqa' tajjeb ħafna mill-qarrejja tant li, erġajt tħajjart nikteb wieħed fuq xi xogħol ieħor mill-pinna tiegħu. Infatti, għal dis-sena għażilt il-*Fantasia Melodica* '*Cuor d'Artista'* illi hu kiteb fl-1928 meta kien għadu kemm laħaq Surmast-direttur tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, proprju fid-9 ta' Ottubru tal-istess sena. Nieħu din l-okkażjoni biex għal darb' oħra, niżżi ħajr lis-Sur Joe Cauchi, Segretarju Ġenerali tas-Società Filarmonica 'La Vittoria' A.D. 1907 tal-Mellieħa talli għoġbu jgħaddili l-mużika tagħha biex stajt ninseġ dan l-artiklu.

Kliem muftieħ: Fantasija melodika, Marċ sinfoniku, Mro. Guglielmo (Willie) Attard, Cuor d'Artista.

F'paġna numru 237 insibu isem Mro. Guglielmo (Willie) Attard kif jidher fl-*elenco dei Premiati nei vari concorsi musicali per composizioni con Gran diploma d'onore e Croce d'oro*. Dil-paġna kienet dehret fl-addenda tal-*Album: Cenni biografici dei Compositori, Maestri e Solisti contemporanei* [a cura di Salvatore Pucci] li kien ħareġ mill-*Ufficio Musicale 'N(icola) Salzano', Nocera Inferiore* fl-1928, u tipografija ta' Emilio Orlando. F'paġna oħra, insibu li l-istess Surmast kien rebaħ il-*Croce d'argento* għall-kompożizzjoni l-oħra, *Marcia 'Patria Nostra'*. Ismu saħansitra nsibuh imniżżel ukoll fil-lista twila ta' *Membri Onorari con Croce d'oro per meriti artistico – musicale* flimkien ma' kompożituri oħra maltin u barranin f'paġna 161 tal-istess *Album*. Din il-*Gran Diploma* llum il-ġurnata tinsab imdendla b'għożża kbira f'waħda mis-swali ewlenin tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Ħamrun. Fiha wieħed jista' jinnota li, din kienet ġiet iffirmata mill-fundatur u direttur tal-*Ufficio Musicale,* il-Professur Salvatore Pucci nniffsu, kif ukoll mill-kummissjoni eżaminatriċi, liema ġurija kienet magħmula minn tliet membri.


237.

ELENCO

dei Premiati nei vari concorsi musicali

per composizioni

con

Gran diploma d'onore e Croce d'oro con lode

Brincat Carmelo
Facco Cav. Anacleto
Giumarra Giovanni
Liberto Camillo
Lizzi Cav. Virgilio
Martini Pasquale
Orsomando Giovanni, premiato anche con L. 200
Palmieri Gennaro
Perotti Cav Cesare
Spalla Cav. Luigi
Vella Luigi

Gran diploma d'onore e Croce d'oro

Attard Guglielmo
Autiero Rafaele per 2 comp
Hurereb Enrico
Incudine Ersilio, p. 2 c.

**MARĊ SINFONIKU jew FANTASIJA MELODIKA?**: Għalkemm marċ sinfoniku hu aktar minn sempliċi marċ brijuż peress li, jinvolvi xi tibdil fit-temp u/jew sinjali tal-miżuri, pawsi, *rallendanti* u *accelerandi,* kif ukoll armonija xi ftit jew wisq komplikata, xorta waħda jimxi fuq formula stabbilita, jiġifieri 'A' (l-ewwel replika), 'B' (il-passaġġ tan-nofs), u t-Triju. Kull waħda minn dawn it-tliet taqsimiet replikati jrid ikollha talanqas tema ewlenija. Ġieli wkoll, wara 'B' terġa' tidħol 'A', aktarx mingħajr replika. Marċ jista' jkollu wkoll xi fanfarra bħala introduzzjoni fil-bidunett (i.e. qabel taqsima 'A') u oħra qabel it-Triju. Kull taqsima wkoll, aktarx tkun f'tonalità differenti biex tkun evitata ċerta monotonija f'dik li hi klima mużikali. Tabilħaqq, marċ maħdum tajjeb jingħaraf mhux biss minn kemm tkun tal-widna l-melodija, iżda wkoll mit-tħaddim kuntrapuntali li fuqu tiddependi ħafna l-kontro-melodija.



Mill-banda l-oħra, fantasija, isimha magħha, hija tip ta' mużika, aktarx strumentali, li m'għandhiex forma fissa, u li tistrieħ ħafna fuq l-istħajjil tal-kompożitur. Ġieli fantasija

tkun tikkonsisti f'*medley* ta' motivi popolari li fuqhom jinbnew numru ta' varjazzjonijiet, u bejniethom jiddaħħlu xi episodji għal aktar kuntrast. Xogħlijiet ta' dan it-tip kienu ferm popolari fost il-kompożituri klassiċi. Johann Sebastian Bach waħdu, wieħed mill-ġganti tal-mużika Barokka, kiteb patafjun minnhom għall-orgni, klaviċembalu u kull xorta ta' strument ieħor li jaħdem bit-tastiera. Il-fantasija baqgħet tiġri ukoll fix-xogħlijiet ta' kompożituri li ġew warajh fosthom, Mozart, Beethoven u Schubert.

Minn dan kollu naraw allura li, *'Cuor d'Artista'* tas-Surmast Willie Attard aktar toqrob lejn dan il-ġeneru milli xi marċ sinfoniku. Dan għaliex ukoll, fiha l-kompożitur iħalli tabilħaqq il-fantasija tiġri bih f'dawk li huma melodiji, xiħaġa li kien jibbrilla fiha.

**PARTITURA**: Ma teżistix kopja oriġinali tagħha. Madankollu, Mro. Ray Cremona, li għal xi żmien kien Surmast-direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, kien ħa biċċa xogħol jikkopja l-partijiet kollha biex seta' joħroġ il-partitura. Iż-żewġ Soċjetajiet mużikali, dik Ħamruniża u l-oħra Melliħija, għandhom fotokopja tagħha fl-arkivju rispettiv tagħhom. Il-partitura fiha 24 paġna u li bejniethom jammontaw għal ftit aktar minn mitejn battuta – 202 biex inkunu preċiżi.

| Taqsima | Temp | Deskrizzjoni | Battuti | Ittra | Tonalità | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A | *Tempo di Marcia* | Introduzzjoni | 001-016 | | LA*b* Maġġuri | |
| | | Melodija 1 | 017-026 | A | FA Minuri | |
| | | Melodija 2 | 027-045 | | LA*b* Maġġuri | immarkat *Leggiero* |
| | | Fanfarra | 046-061 | | | = b. 001-016 |
| | | Melodija 3 | 062-077 | B | LA*b* Maġġuri | |
| | | Fanfarra | 078-087 | | | |
| | | Melodija 4 | 088-113 | C | RE*b* Maġġuri | |
| Triju | | Melodija 5 | 114-129 | | SI*b* Maġġuri | |
| | | | 130-145 | | | |
| | | Fanfarra | 146-156 | D | SI*b* Minuri | |
| | | Melodija 1 | 157-165 | | SI*b* Minuri | = b. 017-026 |
| | | Melodija 2 | 166-183 | E | LA*b* Maġġuri | = b. 027-045 |
| | *Grandioso* | Final | 184-202 | F | RE*b* Maġġuri | |

Introduzzjoni (b. 1-16): Għandha minn fanfarra u ma titqisx bħala l-ewwel minn sensiela ta' melodiji. Iżda, għad li l-materjal li fiha mhux wieħed tematiku bħalma soltu nsibu f'melodija, jintuża xorta waħda biex bih niffurmaw l-episodji bejn tema u oħra u għaldaqstant, jgħin lill-mużika biex ma taqax f'riskju ta' monotonija. L-introduzzjoni tistabbilixxi wkoll, mhux biss it-tonalità li, fil-każ tana hija in LA*b* Maġġuri, imma wkoll it-temp, jew ħeffa ta' moviment li biha biċċa mużika tkun trid tindaqq fih (*Tempo di Marcia*). B'temp nifhmu wkoll dak is-sinjal li jurina kif għandna nħabbtu biċċa mużika li, fil-każ tagħna huwa wieħed doppju għax għandna biss żewġ semiminimi bħala taħbitiet.




Hawn fuq qed inġib biss eżempju mużikali tal-ewwel nofs tal-introduzzjoni li fiha l-istrumenti kollha tal-banda jidħlu jdoqqu mill-ewwel bil-qawwi ħafna (*fortissimo*). Fit-tieni nofs imbagħad, il-mużika teqleb f'daqqa *pianissimo* (kemm kemm tinstema') għal waqt wieħed u fis tibda terġa' tielgħa bil-mod

fi krexxend sal-punt kadenzjali li jġib l-introduzzjoni fi tmiemha. Huma fil-fatt l-ewwel żewġ battuti tagħha li l-aktar jintunżaw mill-kompożitur meta jiġi biex joħloq l-episodji.

Melodija 1 (b. 17-26): il-melodija proprja tibda minn battuta 19 u għaldaqstant, tifforma sentenza mużikali ta' tmien battuti. Iż-żewġ battuti l-oħra li jiġu qabilha huma biss introduttorji (ara ittra 'A' fil-partitura) u li qedin hemm biex joħolqu ambjent li fuqu trid timxi l-melodija. Bla mistenni, il-mużika tmur mill-ewwel in FA Minuri, fejn l-akkumpanjament (ewfonji) hu kkaratterizzat minn fattizz partikolari magħmul minn *acciaccatura* fit-tieni taħbita ta' kull battuta. Min-naħa tagħha, il-melodija trid tindaqq bil-mod ħafna (*pianissimo*) u leġġier kemm jista' jkun minħabba li, il-passaġġ huwa wieħed floridu ħafna u li jinvolvu sensiela ta' terzini tas-semikromi (strumentini u klarinetti primi).




Melodija 2 (b. 27 - 45): Bħal fil-każ tal-ewwel waħda, din ukoll hi preċeduta minn ħolqa mużikali li tgħaqqad iż-żewġ melodija f'katina waħda, u li b'xi mod hi meħuda mill-ewwel jew żewġ battuti tal-introduzzjoni. Fil-karattru tagħha, dit-tieni melodija (b. $28^2$ -$36^1$) hi differenti ħafna minn ta' qabilha għal diversi raġunijiet. Ibda biex, tibda *in aria* in LA*b* Maġġuri anki jekk eventwalment xorta waħda tispiċċa fit-ton minuri tal-istess kjavi. Barra minn hekk, il-melodija hi prinċipalment f'idejn is-sassofoni, it-trumbun prim, l-ewfonji u l-baxxi filwaqt li, l-istrumenti tal-qasba jipprovdu l-akkumpanjament fosthom trill min-naħa tal-flawt u l-kwartin.




Il-bqija ta' dit-taqsima jikkonsisti biss f'żewġ gruppi kadenzjali li mhux parti integrali minnha. Huma joffru biss waqt episodiku biex il-mużika tkun tista' tmur minn melodija għall-oħra. Jiġri iżda li, eżatt wara dit-taqsima, il-kompożitur jiddeċiedi li jerġa' jdaħħal l-istess noti tal-introduzzjoni f'battuti 46-61 qabel ma jmur għat-tielet melodija fejn għandna mmarkat bl-ittra 'B'.

Melodija 3 (b. 62-77): Għad li fiha 16-il battuta, dil-melodija timmodula ħafna. (Ara ittra 'B' fil-partitura) Għall-bidu ttik l-impressjoni li ser tkun f'xi tonalità remota (RE*b* Minuri), iżda mbagħad issib li, l-ewwel akkordju mhux għajr wieħed kromatiku peress li mibni fuq is-sotto-dominanti ta' LA*b* Maġġuri! Wara biss erba' battuti, il-mużika timmodula lejn SI*b* Minuri (il-kjavi sopratonika), imbagħad lejn FA Minuri (il-kjavi sopra-dominanti), u tispiċċa billi tmur lejn MI*b* Maġġuri (il-kjavi dominanti). Kemm fit-tieni kwart ta' battuta 66, kif ukoll fit-tieni kwart ta' battuta 75 insibu l-użu tas-settima diminwita u tal-kwinta awmentata fl-akkordji rispettivi. Dawn ikompli jżidu mad-doża diġà qawwija ta' kromatiċiżmu li bih hu mogħni dan il-passaġġ.




L-istess passaġġ ukoll, hu kkaratterizzat min-noti twal biex bħallikieku jagħti l-impressjoni li, it-temp naqqas ħabta u sabta mill-ġirja tiegħu. Dil-ħaġa fil-mużika nsejħulha deċellerazzjoni grafika li permezz tagħha ddewwem in-noti aktar billi iżidilhom fil-valur tagħhom. Wieħed ma jistax ma josservax ukoll li, dil-melodija partikolari għandha ħafna mill-kant gregorjan, stil ta' mużika bil-wisq għal qalb Mro. Willie Attard u li ssibu mdaħħal f'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu, l-aktar dawk ta' xeħta devozjonali. Għal dan il-għan, in-nisġa tagħha hi waħda omofonika fejn il-partijiet kollha jimxu vertikalment flimkien skont il-valur tan-noti. Dil-klima tibqa' bla mittiefsa ħlief għall-intrużjoni żgħira min-naħa tal-istrumenti tal-qasba f'tarf kull waħda miż-żewġ frażijiet twal li minnha hija msensla. (Ara battuti 68-9 u 76-7) Dil-melodija 'gregorjana' tindaqq biss mill-istrumenti tar-ram (kurunetti mhux inklużi) u l-familja tas-sassofoni (sopran mhux inkluż fil-partitura). Għal darba biss ukoll, il-perkussjoni tibqa' siekta.

Jiġri li, f'salt wieħed il-mużika tfur bla mistenni (immarkata *fortissimo*) u kulħadd jidħol biex isemma' leħnu fil-passaġġ li jiġi eżatt wara (b. 78-87). Madankollu, il-materjal mhux wieħed tematiku peress li hu meħud mill-ewwel nofs tal-introduzzjoni. Iżda jekk xejn, lejn tmiemu jirnexxilu jħejji t-triq biex il-mużika tidħol f'tonalità ġdida tar-RE*b* Maġġuri.

Melodija 4 (88-113): Dal-passaġġ in RE*b* Maġġuri hu l-itwal fost il-melodija kollha peress li fih 18-il battuta, imqassmin fi tliet frażijiet tal-istess daqs. (Fl-eżempju mużikali t'hawn taħt qed inġib biss l-ewwel frażi.) L-ewwel żewġ frażijiet (b. 88-93 u b. 94-99) huma l-istess f'kollox filwaqt li, it-tielet waħda (b. 100-106 + l-ewwel kroma f'battuta 107 li tirsolvi għal fuq il-grupp kadenzjali li jiġi wara) (ara ittra 'C' fil-partitura) għandha karattru kemmxejn differenti mit-tnejn l-oħra f'dak li hu disinn melodiku. Barra minn hekk, hi tmur ħabta u sabta in SI*b* Minuri (permezz ta' *cadenza d'inganno*) u minn hemm tiġbed lejn FA, għad li mhux ċerta jekk hux Maġġuri jew Minuri, sakemm il-grupp kadenzjali li jiġi warajha (b. 107-113) jaqtagħha darba għal dejjem li għandha tkun il-korda tad-dominanti li twassal għat-tonalità in SI*b* Maġġuri li biha jiftaħ it-triju. Ta' min jgħid li, dir-raba' melodija ser nerġgħu niltaqgħu magħha fil-*Grandioso* (b. 190-202).




Melodija 5 (b.114-129): Din hi magħmula minn sentenza mużikali ta' 16-il battuta u maqsuma f'żewġ frażijiet daqsinsew. (Fil-partitura, l-istangetta doppja, jew *double barline*, li hemm f'battuta 129 trid

tersaq waħda lura.) Hawn taħt qed inġib biss l-ewwel parti u li fih wieħed jintebaħ bil-kuntrakant li ġej min-naħa tal-ewfonji. Anki dil-melodija tiftaħ bl-istess ritmu li nsibu fl-introduzzjoni, imma mbagħad tkompli b'mod differenti fejn tagħmel użu mit-terzini tal-kromi. Xogħol it-tieni frażi (b. 122-9) huwa li, twieġeb lill-ewwel waħda.




L-istess melodija tirrepeti ruħha (b. 130-145) bl-istess mod ħlief għall-aħħar erba' battuti li fihom tmur ħabta u sabta, bilkemm tinstema' (*pianissimo*) in SI*b* Minuri.

F'ittra 'D' niltaqgħu ma' passaġġ in SI*b* Minuri li jixbah ħafna lill-introduzzjoni imma li issa għandu aktar minn fanfarra milli ħaġa oħra (b. 146-156). Bħal fil-każ tal-introduzzjoni, dal-passaġġ, li jindaqq bil-qawwi ħafna (*fortissimo*), hu omofoniku u li fih issiblu linja waħda ta' melodija bil-partijiet l-oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu t'akkumpanjament. Dal-passaġġ hu segwit minn ieħor (b. 157-165) li wkoll għandu ħafna mill-ewwel melodija (b. 17-26) bid-differenza biss, li issa qed in SI*b* Minuri.

Fl-ittra 'E' (ara partitura) għandna l-istess sitwazzjoni fis-sens li, dal-passaġġ (b. 166-183) għandu ħafna mit-tieni melodija (b. 27-45) bid-differenzi li, hu segwit mill-istess fanfarra li kellna f'b. 146-156. Iż-żewġ battuti ta' qabel l-ittra 'F' huma fdati lill-kurunetti weħidhom li, permezz tat-terzini tal-kromi fl-unisonu, inaqqsu mill-ġirja tat-temp biex iwassluna dritt għal tmiem grandjuż.

Final (b. 184-202): Immarkat *Grandioso*. Dal-passaġġ aħħari in RE*b* Maġġuri għandu mill-istess materjal li konna ltaqjna miegħu fir-raba' melodija u għaldaqstant, jinqasam f'żewġ frażijiet l-istess (b. 184-189 u b. 190-195), u segwiti minn grupp kadenzjali, f'forma ta' koda (b. 196-202) li jġib ix-xogħol fi tmiemu. Wieħed jinnota l-moviment kostanti min-naħa tar-ram il-baxx u s-sassofoni li, b'pass meqjus jakkumpanjaw lill-melodija fdata f'idejn l-istrumenti kollha tal-qasba u l-kurunetti, primi u sekondi.




Nawgura l-festa t-tajba lill-Melliħin kollha.